**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ**

**ID-DISA' LEĠISLATURA**
**LAQGĦA NUMRU ĦAMSIN 12 ta' LULJU, 2023**

Il-Kunsill Lokali Żurrieq iltaqgħa fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fis-6.15 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Is-Sindku s-Sinjura Rita Grima u l-kunsilliera s-Sinjura Marisa D'Amato, Dr Tiffany Ann Attard, s-Sur Kaydem Schembri, is-Sur Kenneth Farrugia u s-Sur Kyle Mifsud u s-Sur Dino Bonnici.

**SKUŻAT**

Il-Kunsillier is-Sur Joseph D'Amato.
Il-Viċi Sindku s-Sur Ignatius Farrugia

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

Is-Sindku Rita Grima ppresediet is-seduta.

**MINUTI**

| | | |
|---|---|---|
| **50.1** | | ***QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJA*** |
| | | |
| 50.1.1 | | Il-Kunsillier Joseph Damato informa li ma setgħax jattendi minħabba raġuni ta mard. L-ittra tal-appoloġija annessa **dok 1**.<br><br>Il-Viċi Sindku informa li ser jattendi tard għas-seduta, permezz ta' telefonata. |
| | | |
| **50.2** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI*** |
| | | |
| 50.2.1 | | Il-Kunsillier Kenneth Farrugia qal li fuq punt 49.4.6:<br>• meta fis-seduta l-oħra qal li bil-kuntratt il-ġdid ma' Clean Malta mar għall-agħar, għaliex iħoss li bi 8 kenniesa l-Kunsill kellu jmur aħjar minn żewġ kenniesa. |

| | | |
|---|---|---|
| | | • Il-Kunsill kien ħa żball fl-isem tat-triq fejn kienet is-siġra li kellha tinżabar. Kien hemm qbil li l-iżball li sar li l-Kunsill ma avżax lir-resident qabel ma intbagħtet persuna biex tiżbor. |
| | | |
| 50.2.2 | | Ġew approvati l-minuti tad-disgħa u erbgħin -il seduta. |
| | | |
| ***50.3*** | | ***KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU*** |
| | | |
| 50.3.1 | | Is-Sindku Rita Grima qalet li reġgħet tkellmet fuq il-farmers' market u ġiet infurmata li bħalissa qed jaħdmu fuq postijiet oħra. Iż-Żurrieq jinsab fil-ħsieb tagħhom. |
| | | |
| | | |
| 50.3.2 | | Is-Sindku tkellment fuq il-proġett ta' Misraħ Repubblika.<br><br>Hi qalet li reġgħet tkellmet mal-Perit tal-Kunsill u infurmatu li ma qablitx mal-pjanti ġodda li reġgħa għamel, anke għall-fatt li kien diġa ġie infurmat li l-Kunsill ma qabilx li l-pjazza għandha tkun pavimentata, b'tali mod li ħaxix selvaġġ jitla minn bejn il-pavimentar, u dan reġa ġie inkluz fil-pjanti l-ġodda.<br><br>Kien hemm qbil li l-Kunsill jitlob għal laqgħa mal-Perit u jesiġi li l-pjanti jsiru kif maqbul mill-Kunsill. Jeħtieġ li dan isir kemm jista jkun malajr ħalli l-proġett jibda wara t-tieni festa tar-raħal, hekk kif kien maqbul.<br><br>Dak il-ħin stess is-Segretarju Ezekuttiv bagħtet email lill-Perit biex issir laqgħa f'ħin konvenjenti għalih. |
| | | |
| ***50.4*** | | ***TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI*** |
| | | |
| | | |
| 50.4.1 | | Il-Kunsillier Marisa D'Amato qalet li :<br>• n-naħla inteliġenti u f'toroq fejn hemm ħaxix twil selvaġġ, f'toroq frekwentati mit-traffiku, in-naħla ma tmurx fuqu. Għalhekk ma jkunx hemm bżonn li ma jinqatax il-ħaxix. Speċjalment fi Triq Ħal Far.<br>• Fi Triq il-Qrendi m'hemmx *traffic management* tajjeb li tindika li t-triq magħluqa. Dan ix-xogħol qed isir minn Enemalta.<br>• Tkellmet ma' kuratur ta' katakombi identiċi bħal m'għandna fiż-Żurrieq. Dawn qabbdu nies professjonali. Arkeologu professjonist. Biex ma issirx ħsara fil-katakombi. Dan irid isir studju qabel jibda ix-xogħol u dan ix-xogħol ikun monitored tul ta' sena.<br>• Żewġ mirja nieqsin fi Triq Bronja mill-kuntrattur li qed jaħdem bħalissa.<br>• Biex issir struttura fi ġnien il-ġibjun u fuq il-belle veder, biex in-nies ikunu jistgħu jieħdu stessu. Kien hemm qbil fuq dan. |

| | | |
|---|---|---|
| | | • Biex tinżebagħ il-kamra li hemm fil-cat café b'teak oil biex jiġi priservat l-injam tagħha. Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| 50.4.2 | | Il-Kunsillier Tiffany Ann Attard qalet:<br>• jeħtieġ li l-Kunsill jiċċekkja siġra li tinsab fi Triq G M Callus jekk hix ta' periklu li taqa.<br>• parti mill-proġett li l-Kunsill ħareġ tender għalih biex jagħmel madawr il-Mitħna tax-Xarolla, sar mill-ħaddiema tal-PW, issa invista tal-fatt li parti mix-xogħol sar, x'ser jiġri? Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Kuntratt kellu skadenza ta' 12 -il ġimgħa u dawn ilhom li skadew. Żgur li l-kuntrattur li ħa t-tender, mhux ser jitħallas għal xogħol li għamel ħaddieħor. Kien hemm qbil li tinkiteb email lill-perit b'dawn il-punti. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li ser tibgħat email lill-perit u tikkopja lill-kunsill kollu. |
| | | |
| | | |
| 50.4.4 | | Il-Kunsillier Kenneth Farrugia qal li:<br>• issa l-Kunsill irid jibdel it-tabelli li hawn bl-arma l-antika biex issir ġdida.<br>• Sqaq numru 2 Triq San Bartilmew u Sqaq Oswarju bil-ħaxix selvaġġ.<br>• Triq Zakkarija Ronkali biex issir roundabout għal Triq it-Torri. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li talbet l-approvazzjoni lill-TM fuq dan il-każ.<br>• Il-kuntrattur li jiġbor l-iskart qed igeddes l-iskart u qed idejjaq lir-residenti. Dan l-aġir mhux xieraq. Is-Segretarju Ezekuttiv talbet il-lokazzjoni jew ritatti, ħalli tkun tista tirrapporta. Is-Sindku qalet li kull fejn kien hemm rapport ta' dan it-tip, kienet ittieħdet azzjoni.<br>• Biex isir bus stop fi Triq Bubaqra. Hemm wieħed viċin u Public Transport ma jgħatux meta jkunu viċin.<br>• Prosit lill-Kunsillier Kyle Mifsud tal-attivita li għamel għat-tfal.<br>• Ħaxix ħiereġ minn plot vojta fi Vjal l-Indipendenza.<br>• Inqala bin minn quddiem il-ħanut tal-pastizzi mingħajr ma l-Kunsill kien avżat. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat, li dan tneħħa għax ma kienx qed jintuża sew u xi ħadd tefa xi ħaġa mejta u damet mill-Ġimgħa sat-Tnejn biex tneħħiet. Il-Kunsill qabel li jeħel bin żgħir fl-istess post li inqala. Il-Kunsillier Kaydem Schembri ma qabilx. |
| | | |
| 50.4.5 | | Il-Kunsillier Dino Bonnici staqsa fuq ix-xogħol fi Triq Bronja. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li x-xogħol għandu sa Diċembru għaddej.<br>Staqsa kif fl-attivitajiet kollha tal-Kunsill taż-Żurrieq jattendi s-Sindku tal-Qrendi. Is-Sindku qalet li s-Sindki kollha tar-Reġjun ikunu mistiedna imma jiġi hu biss. |
| | | |

| | | |
|---|---|---|
| | | |
| 50.4.6 | | Il-Kunsillier Kyle Mifsud qal:<br>• jeħtieġ li l-Kunsill ikellem lil nies biex ikunu jistgħu jdawwru l-qlugħ tal-Mitħna meta jkun hemm bżonn. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li min jixtieq jgħin jista jħalli ismu fil-Kunsill u jiġi ikkuntatjat.<br>• Issuġġerixxa biex fil-ġimgħa tal-festi għal-3 t'ijiem, il-Kunsill jikri ambulanza biex jgħin fil-festi. Kien hemm qbil li ssir fi Triq Santa Katarina. Kien hemm qbil li jinġibu stimi.<br>• Il-U bar fi Triq il-kbira għadha ma saritx. Ser jera jiġi mitkellem il-kuntrattur.<br>• Sqaq San Tumas fl-għalqa ta' fejn jinħaraq in-nar, isir bażi tal-konkos. Kien hemm qbil li l-Kunsill jieħu parir mid-dipartiment tal-artijiet. Is-Sindku qalet li hi pruvat tgħin biex iġġib permess biex issir attivita għal festa ġo għalqa. Stinkat ħafna u damet biex ġabet permess għal dan. Mhux faċli dawn l-affarijiet.<br>• Il-bankijiet tan-nigret biex jinħaslu. |
| | | |
| 50.4.4 | | Il-Kunsillier Kaydem Schembri qal:<br>• minħabba l-insetti jeħtieġ li jinħaslu l-ibins u tal-BCRS, u dawn jeħtieġ li jinħaslu ta' spiss.<br>• Weġġgħu xi nies fuq bankina li tiħloq ħafna f'Misraħ Repubblika. Kien hemm qbil li jsir xi tap biex ma tiżloqx.<br>• Ħaxix fi Vjal il-Blue Grotto biex jinqata.<br>• Biex jerġa jsir bin fi Vjal l-Indipendenza fejn kien qabel, viċin il-bus stop. Ma kienx hemm qbil. |
| | | |
| ***50.5*** | | ***Rapporti*** |
| | | |
| **50.5.1** | | **Rapport finanzjarju tat-tieni kwart tas-sena** |
| | | |
| 50.5.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet ir-rapport finanzjarju tat-tieni kwart tas-sena għall-approvazzjoni. Dan ġie approvat biex jintbagħat. ***Dok 2 mehmuż***. |
| | | |
| ***50.6*** | | ***Proġett ta' tisbieħ f'Misraħ ir-Repubblika*** |
| | | |
| 50.6.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li dan l-item tqajjem f'wieħed mill-punti li saru mill-komunikat tas-Sindku. |
| | | |
| ***50.7*** | | ***Approvazzjoni tal-Permessi tal-Gabbani tal-Festa tal-Madonna tal-Karmnu*** |
| | | |
| 50.7.1 | | Ingħatat lista ta' gabbani u mwejjed u siġġijiet li ew japplikaw għal festa li jmiss. |

| | | |
|---|---|---|
| | | Il-Kunsill diġa ma aċċettax bejjiegħa ġodda u fil-lista hemm biss bejjiegħa li ilhom jarmaw.<br>Ġie ssuġġeriet li tingħalaq għat traffiku s-service road ta' Vjal il-Blue Grotto minn Triq Dun Ġuzepp Zammit sa' Triq Triq il-Qrendi biex tal-ħwienet ikunu jistgħu joħorġu s-siġġijiet mingħajr periklu għal min ikun bil-qedgħa.<br><br>Ġie ssuġġeriet li jerġa jsir iċċekkjar ta' permessi tal-gabbani u ħwienet li jkunu skont il-permessi li jkun ingħatalhom mill-Kunsill. |
| | | |
| | | |
| **50.8** | | **Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa** |
| ***50.9*** | | ***Approvazzjoni: xogħlijiet u servizzi*** |
| | | |
| 50.9.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet dawn l-ilmenti/suġġerimenti:<br>• Talba resident jorganizza wirja ta' presepji fil-Mitħna tax-Xarolla. Id-dati tagħtihomlna jekk il-kunsill jaqbel mal-proposta. Kien hemm qbil fuq dan.<br>• Familjari ta' Joseph Zerafa li kien Engineer u ship surveyor, jixtiequ li tissemma triq għalih. Kien hemm qbil li l-ewwel triq bla isem, jiġi ssuġġerit lill-Kumitat ismijiet tat-toroq biex tissemma għalih.<br>• Talba għall-permess ta' tower crane fi Triq Donato del Piano, għal madwar 6 xhur. Kien hemm qbil fuq dan.<br>• Talba għall-permess ta'tower crane fi Triq il-Qroll għal madwar sena. Kien hemm qbil fuq dan.<br>• Wasal iż-żmien għat-tiġdid tal-polza tal-assigurazzjoni tal-kunsilliera. Kien hemm qbil fuq dan.<br>• Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li ilha titlob biex il-Kunsill ikollu l-magni tar-riċiklaġġ tal-flixken għal waqt il-ġranet tal-festi tar-raħal sa mill-bidu ta' Ġunju u din il-ġimgħa l-Kunsill irċieva risposta li jistgħu joffrulna l-magna biss għall-festa ta' Santa Katarina, għax fil-ġranet l-oħra jinsabu ibbukjati diġa. Kien hemm qbil li jew ikollna tali servizz fiż-żewġ festi jew ma jkollna xejn.<br>• Is-Soċjeta Muzikali Santa Katarina VM qed jitolbu permess għall-ħofra tal-festa ġdida fi Vjal il-Blue Grotto. Kien hemm qbil fuq dan, ġaladarba jkollhom il-permessi meħtieġa minn entitajiet ikkonċernati u li tali toqba tingħalaq meta ma tkunx qed tintuza.<br>• Il-Kunsill għandu talba biex Triq iċ-Ċombini tkun one way traffic, inqrat l-email li rċieva l-Kunsill. Kien hemm qbil li l-parkeġġ tar-resident jiġi mibdul ma' dik tal-un/loading bay u ma kienx hemm qbil li t-triq issir b'direzzjoni waħda tat-traffiku. |
| | | |
| 50.9.2 | | Fir-rigward tal-policy l-ġdida tal-Caravans, is-Segretarju Eżekuttiv staqsiet jekk il-Kunsill iridx li jalloka post ġoż-Żurrieq, designat għalihom u jekk iva għal kemm posti.<br>Il-Kunsill ma jarax li għandu post għal dawn il-caravans u ma jaqbilx li jalloka post fejn għandhom ikunu, għalhekk ma jridx li jinħarġu permessi. |

| | | |
|---|---|---|
| | | |
| ***50.10*** | | ***APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-LAQGĦA TAR-REĠJUN PUNENT, TAL-GALXLOKK u TAL-<br>ASSOĊJAZZJONI KUNSILLI LOKALI U SOTTO KUMITATI.*** |
| | | |
| 50.10.1 | | Ġew approvati il-minuti ta Reġjun Punent laqgħa 18, 19, 20, 21 u Galxlokk laqgħa 138 u 139 u 140. |
| | | |
| ***50.11*** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI*** |
| | | |
| 50.11.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti anessa bħala Dok 2 għall-ammont totali ta' €90,652.00<br><br>Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li jinnota u ma jaqbilx, li fuq pjanta ta' Misraħ Repubblika magħmula mill-Perit William Lewis li l-Kunsill għandu kont ta' 'l fuq minn 3K, ta' pjanti li kemm -il darba l-Kunsill tkellem mal-Perit bil-veduti maqbula fil-Kunsill u li xorta l-Perit ma mexix skont kif indikat.<br>La darba ma nafux ir-rata li inżammet biex saret tali pjanta. Juri id-diżapprovazzjoni tiegħu li l-Perit mhux qed jikkopera mal-Kunsill u ma jaqbilx mal-pagamenti tiegħu.<br><br>Il-mozzjoni għaddiet u l-iskeda ta' pagamenti ġiet iffirmata mis-Sindku Rita Grima, u mill-Kunsilliera Marisa D'Amato u Kaydem Schembri |
| | | |
| ***50.12*** | | ***DATA GĦAS-SEDUTA LI JMISS*** |
| | | |
| 50.12.1 | | Il-laqgħa ntemmet b'dan l-item fuq l-aġenda fl-20:35. Il-Kunsilliera preżenti qablu li d-data tal-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 23 ta' Awwissu, 2023, fis-6:15 ta' filgħaxija. |

Konfermati, illum _23__ ta' AWWISSU, 2023.

IFFIRMAT
Rita Grima
**Sindku**

IFFIRMAT
Josianne Cilia Mumford
**Segretarju Eżekuttiv**